Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,770, 26 ta' Settembru, 1980
Taqsima B

A.L. 83 ta' l-1980

ORDINANZA DWAR ID-DRITTIJIET (KAP. 58.)

Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet ta' Dħul fil-Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali (Emenda Nru. 2)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 ta' l-Ordinanza dwar id-Drittijiet, il-Ministru tax-Xogħol, Għajnuna Soċjali u Kultura, bi ftehim mal-Ministru tal-Finanzi, Dwana u Investimenti Finanzjarji tal-Poplu, għamel ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1980 li jemendaw ir-Regolamenti dwar id-Drittijiet ta' Dħul fil-Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali (Emenda Nru. 2), u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1979 dwar id-Drittijiet ta' Dħul fil-Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 102 ta' l-1979

Jissostitwixxi r-regolament 3 tar regolamenti prinċipali.

2. Minflok ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:—

"3. (1) Għandu jitħallas lid-Direttur tal-Mużew dritt ta' ħmistax-il ċenteżmu kull persuna għad-dħul f'xi ġurnata minn persuni ta' l-età ta' sittax-il sena jew iktar f'xi wieħed mill-mużewijiet u monumenti, u dritt ta' seba' ċenteżmi u ħames milleżmi kull persuna taħt l-età ta' sittax-il sena.

(2) Ma għandu jitħallas ebda dritt għad-dħul f'xi mużew jew monument ħar ta' Ħadd minn xi persuna barra minn persuni li jiffurmaw parti minn grupp organizzat.".